0

*KUNSILL LOKALI RABAT*

**MINUTI tal-Laqgħa A 01**
* **Il-Kumitat Amministrattiv iltaqa` nhar** Data u ħin
**It-3 t'Awwissu fil-5.30 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8 Triq l-Isptar, Rabat**

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Sandro Craus | Sindku (Rabat Malta) |
| Is-Sur Paul Grech | Chairperson |
| Is-Sur Paul Galea | Vici-Chairperson |
| Is-Sur George Attard | Membru |
| Is-Sja Joan Ann Farrugia Galea | Membru |
| Is-Sur Anglu Portelli | Membru |
| Is-Sur Franco.M Azzopardi | Segretarju Ezekuttiv |

**1.00** **1. Hatra ta' Chairperson**

1.01 Is-Segretarju Ezekuttiv Franco.M Azzopardi introduca l-ewwel item fuq l-agenda jigifieri l-hatra ta' Chairperson. Hu qal li skond l-att dwar Kunsilli Lokali kif emendata fit-2009 il-persuna li ggib l-izjed voti mill-Partit li jkun gab maggoranza ta' membri ghandu jinhatar Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv. Ghaldaqstant skond din il-klawsola s-Sur Paul Grech jikkwalifika biex ikun c-Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv ta' tal-Virtu. Is-Segretarju Ezekuttiv ghaldaqstant talab ghal xi hadd biex jinnomina lis-Sur Grech bhala Chairperson skond il-ligi. Is-Sur Paul Galea nnomina lis-Sur Paul Grech bhala Chairperson liema nomina giet issekondata mis-Sja Joanne Farrugia Galea. Hatra ta' Chairperson

1.02 Is-Sur Paul Grech accetta n-nomina ta' Chairperson u rringrazzja lill-membri kollha tal-fiducja taghhom.

**2.00** **2. Hatra ta' Vici Chairperson**

2.01 Is-Segretarju Ezekuttiv Franco.M Azzopardi talab ghall-hatra ta' Vici Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv Tal-Virtu', fejn qal bl-istess kwalifika fil-kaz ta' Vici Chairperson, Is-Sur Paul Galea jikkwalifika ghall-kariga ta' Vici Chairperson. Is-Sur Paul Grech Chairperson innomina lis-Sur Paul Galea waqt li s-Sja Joanne Farrugia Galea ssekondat n-nomina, liema nomina giet approvata minn dawk Hatra Vici Chairparson

prezenti.  Is-Sur Galea accetta n-nomina u rringrazzja lil dawk prezenti tal-fiducja li urew fih.

3.00 **3. Introduzzjoni mis-Sindku Sandro Craus u c-Chairperson**

3.01 Is-Sur Paul Ġrech stieden lis-Sindku Sandro Craus biex skond l-agenda jaghmel l-introduzzjoni tieghu.  Is-Sindku Sandro Craus irringrazzja lis-Sur Paul Grech ta' l-istedina tieghu fejn beda biex qal u heggeg lill-membri prezenti biex l-istess spirtu ta' ko-operazzjoni jahdmu flimkien biex ikomplu jahdmu ghall-gid tal-Bahrija u l-inhawi li jaghmlu parti mill-konfini tal-Bahrija kif deskritti izjed fid-dettall fir-registru elettorali tal-Bahrija.  Is-Sindku Sandro Craus wieghed li bl-istess spirtu u hegga hu jkompli jghin lill-Kumitat Amministrattiv fit-tmexxija tal-Bahrija. Semma' lil minn zmien ghal zmien johorgu fondi specjali li jkunu jistghu jintuzaw mil-lokal bhar-Rabat jew partikolarment biex jintuzaw mill-Kuminitati Amministrattivi bhall-Bahrija u l-inhawi.  Bl-istess mod minn zmien ghal zmien johorgu fondi mill-EU li jistghu ikunu ta' beneficcju ghaz-zona tal-Bahrija.  Sostna s-Sindku Craus li bl-istess hegga jaghti l-ghajnuna shiha u totali biex dawn il-fondi specjali kif ukoll fondi mill-EU l-Kumitat Amministrattiv tal-Bahrija jkun  jista' japplika ghalihom.  Irrikmanda bil-hegga li ma nwieghdu xejn specjalment fejn nafu li din il-haga ma tkunx possibli.  Ezempju ta' dan huwa d-drenagg fil-Bahrija. L-izjed l-Kunsill Lokali tar-Rabat u l-Kumitat Amministrattiv tal-Bahrija u l-madwar ma jistghux ikunu izjed minn pressur groups f'dan ir-rigward fejn iheggu l-Gvern Centrali biex dawn il-bzonnijiet jitwettqu. Fondi ta' l-EU

3.02 Is-Sur Paul Grech radd hajr lis-Sindku Sandro Craus tal-weghdiet tieghu u kompla biex qal li tul l-ahhar sentejn kellu l-opportunita' li jahdem mieghu u jekk ikompli jahdem bl-istess hegga kien certa li l-wieghda tieghu titwettaq. Is-Sur Paul Grech radd hajr lill-membri kollha tal-Kumitat Amministrattiv tal-Bahrija u heggeg lil dawk prezenti biex iwettqu u jservu l-komunita tal-Bahrija u l-inhawi l-ohra kif inhu dover taghhom.  Hu kompla biex qal li dan l-ispirtu kien diga' jidher. Is-Sur Paul Grech stieden lill-Membri prezenti biex jaghtu l-hsibijiet taghhom fejn kull membru kkonferma l-ghan tieghu li jippromwovu l-gid ghar-residenti tal-Bahrija u l-madwar minghajr distinzjoni..

3.03 Is-Sindku Sandro Craus informa l-laqgha li kien hemm sejha ghall-fondi specjali deskritti taht Memo 24/2010 dwar skema ta' finanzjarjament ghall-progetti u inizjattivi li l-Kumitat Amministrattiv fil-lokalitajiet taghhom.  F'din il-Memo gie offrut bhala fond specjali l-ammont ta' €20, 000 biex isir inizjattiva jew progett fiz-zona tal-Bahrija u l-madwar. Is-Sindku Craus issugerixxa diskussjoni dwar din l-offerta li giet mneghdija mill-Gvern Centrali ghall-beneficcju tal-lokalitajiet Fondi Specjali

immexxija minn Kumitati Amministrattivi. Is-Sindku Craus fakkar li d-data ta' l-gheluq hija l-20 t'Awwissu u ghalhekk iz-zmien huwa limitat. Is-Sindku Craus wieghed l-ghajnuna shiha tieghu biex l-applikazzjoni u dak li hu necessarju jitwettaq fiz-zmien.

3.04 Ic-Chairperson is-Sur Paul Grech qal li s-Sindku Craus kien infurmat bhala Kunsillier dwar din il-Memo u ghaldaqstant is-Sur Grech ha l-opportunita biex jiddiskuti l-inizjattiva jew progett li jista' jigi mwettaq. Is-Sur Grech qal li kien hemm diversi affarijiet x'jistghu jsiru. Minabba l-ammont ta' €20,000 jista' jkun limitat ghal hafna progetti li jistghu jigu kkonsidrati, ssugerixxa li kull membru jzomm f'mohhu din il-limitazzjoni u l-perjodu ta' gheluq ta' din is-sejha u l-preparamenti u l-htigijiet biex indahhlu l-proposta taghna fi zmien stipulat. Gew diskussi diversi proposti fosthom dwar il-fossos u d-drenagg liema proposta tirrikjedi hafna fondi u zmien ta' preparazzjoni. Gie suggerit li l-gnien tal-Bahrija u l-playing field jigu rrangati biss mill-gdid fondi ghall-irrangar ta' dan il-gnien u l-playing field huma limitati hafna.

3.04 Ic-Chairperson is-Sur Paul Grech issugerixxa li fl-entratura tal-Bahrija ghandha ssir bankina dicenti fejn jistghu jigu nstallati planters u rrangata l-Bus Stop.

3.05 Is-Sja Joan Anne Farrugia Galea pproponiet li jigu sottometti zewg proposti. Is-Sindku Sandro Craus ikkonferma li jistghu jigu sottometti zewg proposti biss mhux neccessarjament b'vantagg ghall-Komunita' Amministrattiva. Skond l-esperjenza tieghu jista' jintaghzel dak il-progett l-inqas bzonnjuz ghall-Komunita' tal-Bahrija u l-madwar. Ghaldaqstant gie suggerit li mal-progett tal-bankina ghall-entratura tal-Bahrija, ssir zebra crossing ghan-naha l-ohra tat-triq ghall-Bus Stop. Is-Sindku Craus informa lil laqgha li waqt li din hija ideja tajba rridu nitolbu l-permess u l-awtorita' tat-Transport Malta biex issir zebra crossing. Is-Sur Paul Galea ssugerixxa li ghandhom isiru xi forma ta' Traffic Calming Measures mill-bankina lejn ic-Centru tal-Bahrija. Mill-gdid is-Sindku kkonferma li jkun mehtieg l-awtorizzazzjoni tat-Transport Malta biex isiru dawn il-Calming Measures. Ghaldaqstant is-Sur Paul Grech qal li jidher li hemm qbil li ghandna nissottomettu l-proposta ghad-dhul tal-Bahrija u ghaldaqstant talab lis-Sindku biex jiffinalizzaw l-proposta mall-Perit tal-Kunsill.

**4.00** **<u>4. Proceduri</u>**

4.01 Ic-Chairperson is-Sur Paul Grech talab lis-Segretarju Ezekuttiv biex jaghti indikazzjoni tal-proceduri li ghandhom jigu addottati. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li kull membru li ha jiltaqa' ma xi ilmenti jew ikun jixtieq ipoggi xi suggeriment, dawn dejjem ghandhom isiru billi jinfurmaw ic-Chairperson. Fl-istess hin ic- Proceduri

Chairperson jkun jista' jikkordina l-bzonnijiet tal-Bahrija u fejn is-Segretarju Ezekuttiv jara li jitwettqu t-talbiet fil-Bahirja u l-madwar. Irridu nevitaw is-sitwazzjoni fejn membri tal-Kumitat Amministrattiv jitolbu lill- membri ta' l-istaff tal-Kunsill jew jaghtu instruzzjonijiet diretti lilhom. Membri jkunu jisthu bhal kull cittadin iehor idahhlu lmenti mal-Customer Care fil-Kunsill. Ukoll membri jkunu jistghu jressqu l-ilmenti waqt laqgha tal-Kumitat Amminstrattiv taht il-heading ta' l-agenda "affarijiet ohra". Hawnhekk il-Kumitat ikun jista jiddiskuti lmenti jew htigijiet individwali jew tar-residenti.

5.00 **5. Progetti u Manutenzjoni fil-Bahrija**

5.01 Dan is-suggett gie diskuss izjed kmieni fl-introduzzjoni tas-Sindku Sandro Craus u ghalhekk, ic-Chairperson is-Sur Paul Grech sostna li dan is-suggett gie diskuss.

6.00 **6. Affarijiet Ohra**

6.01 Is-Sja Joan Ann Farrugia Galea qalet li hemm concrete ma' l-art il-Fiddein ftit qabel l-Ghajn li trendi t-triq perikoluza ghat-traffiku. Ukoll semmiet il-htiega tat-Traffic Management ghall-Bahrija. Gie ssugerit li fejn hu possibli ghandna nisimghu hsibijiet ghar-residenti f'dan ir-rigward. Is-Sur Paul Galea qal li hemm il-htiega li l-Pjazza Patri Martin Caruana OP tigi organizzata. Is-Sindku Sandro Craus informa l-laqgha li kien hemm diversi tentattivi fil-passat biex din il-Pjazza tigi organizzata kif qal is-Sur Galea. Semma wkoll il-htiega li l-iskips ikunu organizzati tajjeb u mizmuma kif jixirqilhom. Is-Sur Galea semma l-htiega tal-qtugh ta' haxix fil-parti rurali. Ic-Chairperson, Is-Sur Grech informa l-laqgha li hemm programm fil-partijiet principali biex il-qtugh ta' haxix isir. Fil-fatt hargu sejhiet ghall-offerti biex dawn isiru.

7.00 **7. Aggornament**

7.01 Minhabba li l-agenda giet ezawrita l-laqgha giet aggornata fis-7.00 pm Aggornament

**Paul Grech**
**Chairperson**

**Franco.M Azzopardi**
**Segretarju Eżekuttiv**